# IN MEMORIAM

*Għaqqadna f'ħajtu biex jorbotna f'mewtu.*

L-aħbar tal-mewt ta' Ġanni Vassallo f'Għawdex, fis-26 tax-xahar l-ieħor, waslet għal għarrieda u xerrdet in-niket b'ħasda kbira fost kull min kien jafu, l-iktar fi sħabu tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*, li fosthom ilkoll, sa minn meta inħolqot l-*Għaqda*, l-isem u x-xbieha ta' Ġanni kienu bħal ħaġa l-iktar għażiża u ta' l-akbar ġieħ u qima.

Aħna ma nistgħu niftakru f'ebda xogħol li s'issa sar għall-Malti mill-aħħar 40 sena 'l hawn, l-iktar biex titwaqqaf kitba fuq prinċipji grammatikali sodi, mingħajr ma niftakru wkoll fl-isem ta' Ġanni Vassallo li hu ħaġa waħda ma' dik li hi sengħa ta' kitba Maltija.

Ġanni Vassallo, bħal ħafna minn sħabu xjuħ li l-lum ħallew l-isbaħ tifkiriet tal-ġid li għamlu għall-Malti, fi ċkunitu ma kien trabba f'ebda tagħlim jew taħriġ tal-Malti, iżda twieled għal dan ix-xogħol u għalih kien donnu merfugħ id-dmir li jiftaħ u jwitti t-trieq għat-tagħlim u seħħ tal-kitba Maltija li l-lum ħadet sehem hekk kbir fost l-ilsna uffiċjali ta' l-Amministrazzjoni, tal-Liġi u tat-Tagħlim. U, għalhekk, flimkien ma' l-isem ta' Napuljun Tagliaferro, ta' A. E. Caruana, ta' A. Preca, ta' Manwel Magri, ta' Ġuże Muscat Azzopardi, ta' Pawlu Bellanti, u ta' Sir Temi Zammit ma nistgħux ma ngħaqqdux dak ta' Ġanni Vassallo, u ma xogħolhom inqisu wkoll ix-xogħol tiegħu bħala wieħed mill-ġebliet l-aktar qawwija u sħiħa tas-sisien li fuqhom s'issa nbnew il-ħitan tal-Lsien Malti.

Fiż-żmien li aħna fih il-lum, l-aqwa żmien storiku tal-Ħajja tal-Kitba Maltija, aħna ma nistgħux ma nħarsux lura lejn dawn ix-xbihat egħżież ta' nies li minn xi snin ilu telqu għal kollox minn fostna u nġibuhom quddiem għajnejna u niftakru fihom b'dak il-ħsieb ta' wlied, ħbieb u sħab li trabbejna taħt il-ħarsa ħanina tagħhom fix-xogħol li għamilna magħhom; iżda dak li fosthom, sa ftit ġranet ilu, kien għadu magħna bħala l-aħħar Xbieha li fih kien igħaqqad il-Għerf u d-Dehen kollu tagħhom, aħna nħossuh iżjed fil-qrib, għax leħnu għadu kollu kemm hu magħna, f'widnejna, f'qalbna.

Għalkemm Ġanni kien mifrud minna minn daqsxejn ta' baħar li jaqsam iż-żewġ gżejjer ta' Malta, huwa dejjem baqa' jaħdem magħna u jiktbilna, u ma kienx jasal wasla sa hawn Malta mingħajr l-ewwelnett ma jiġi jfittex lil xi ħadd

minn tal-*Għaqda*; u baqa' sa l-aħħar iqawwi l-qalb u jgħin bil-pariri tiegħu fuq il-Malti kull meta l-*Għaqda* kienet tfittxu. Sa ftit xhur ilu, malli jirfes l-art ta' Malta kont tarah jiġi jitkaxkar b'daqsxejn ta' bagalja f'idu u jitla' t-taraġ għoli ta' l-uffiċċju tiegħi u jithenna bi kliemi u jien iktar ukoll bi kliemu. Li ma kienx it-toqol ta' xjuħitu, li minn ftit tas-snin 'l hawn kien għakkislu saħħtu, il-ħidma tiegħu konna nibqgħu narawha żżejjen u torqom il-faċċati tal-Qari Malti tagħna.

Sa minn meta ftit wara l-1893 kien issieħeb bħala Segretarju max-Xirka ta' Napuljun Tagliaferro, Ġużè Muscat Azzopardi, Ninu Muscat-Fenech, A.E. Caruana u Killi Ferris li kienu ngħaqdu bil-ħsieb li jwaqqfu reguli tal-kitba maltija fuq Alfabet aktar popolari minn dak tax-Xirka Xemïa, il-ħidma tiegħu, b'dik il-qawwa żagħżugħa ta' moħħu u fehemtu, dehret fl-ewwel xogħol tiegħu tal-Muftieħ tal-Kitba Maltija, li għalkemm ċkejken, fih kien hemm il-qofol ta' reguli ta' Ortografija sħiħa skond il-ħsieb ta' l-istess Xirka. U jekk sħabu kienu qatgħu qalbhom li jaslu biex jibnu u jrawmu sistema waħda ta' kitba fost il-Kittieba kollha tal-Malti, Ġanni Vassallo baqa' jsuq u jseħħ fil-ħsieb u ħidma tiegħu bla ma qatt qata' jiesu, u għalhekk, fuq il-*Muftieħ* tiegħu naraw li bdew jinkitbu kotba għall-Iskejjel, l-ewwelnett minnu stess, imbagħad minn Temi Zammit, minn Ferris, u minn Magro, u mbagħad l-istess sistema grammatikali ta' kitba narawha fil-*Ħabib*, ġurnal tal-Unione Cattolica, kif ukoll fl-aħħarnett, b'xi tibdil ċkejken fl-ittri ta' l-Alfabet imdaħħla bħala prinċipju fit-*Tagħrif* tal-Għaqda li l-lum hija l-ortografija uffiċjali tal-Gvern.

Ġanni Vassallo sew meta Skrivan mal-Gvern hawn Malta kemm meta laħaq Reġistratur tal-Qrati, Għawdex, kien ta ruħu għall-istudju tal-Malti bla ebda ħsieb li jagħmel negozju minnu. Hu għarbel, ħabbel moħħu, għereq għax kien iħoss imħabba safja għal dak l-istudju. Qalbu f'idejh, ħelu ma' kulħadd; dejjem fuq fommu t-tbissima ta' wiċċ dħuli u l-bixra ta' ruħ twajba. Qatt ma qal kelma li biha sata' jwaġġa' qalb il-flien, qatt ma rifes lil ħadd f'ġieħu jew fil-mertu tiegħu, u meta merewh, fiehem bis-sabar u l-ħlewwa u rebaħ il-qalb ta' l-egħdewwa tiegħu. Fuq kollox kellu l-irġulija ta' kelmtu u fehemtu, u dehen ta' bniedem misjur fix-xogħol tal-moħħ u fit-tiġrib tad-dinja.

Jalla ngħixu bħalu u nħallu warajna tifkira hekk sabiħa ta' ħajjitna u ta' xogħolna.

A. Cremona

Id-9 ta' Ġunju, 1937.